**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 76/2018

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Sarah Mallia u l-istess Sarah Mallia**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Untours Insurance Agents Limited**
**bħala aġenti tal-assikuratriċi barranija Qatar Insurance Company**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Sarah Mallia,** u **l-istess Sarah**

**Mallia** (minn issa ’l quddiem “l-appellanti”), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”), fit-30 ta’ Mejju, 2018, (minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi -

> *“Jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż ta’ dan l-arbitraġġ kontra l-istess rikorrenti.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Dan l-appell ġie intavolat mis-soċjetà appellanta wara d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, li kkonkluda li mill-provi ma jirriżultax li Anthony Buhagiar, li kien qiegħed isuq il-vettura li kienet involuta fl-inċident mal-assigurata tas-soċjetà rikorrenti, kien assigurat mas-soċjetà intimata dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li din l-evidenza ma ġietx ikkontestata mis-soċjetà rikorrenti, u għalhekk is-soċjetà intimata ma tistax tinżamm responsabbli għall-ħlas pretiż mir-rikorrenti, stante li t-Tribunal ma setax jistabbilixxi li s-soċjetà intimata għandha tinżamm responabbli għall-akkadut u għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti ppreżentaw talba quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta wara li fl-4 ta’ Lulju, 2016 kien seħħ inċident ġewwa Santa Venera, bejn vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBO 121 misjuqa minn Sarah Mallia, l-

assigurata tas-soċjetà rikorrenti u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI 361 misjuqa minn Anthony Buhagiar. Ir-rikorrenti sofrew danni b'rabta ma' dan l-inċident, u fit-talbiet tagħhom lit-Tribunal talbu (i) li jiġi dikjarat li l-assigurat tas-soċjetà intimata huwa responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u għad-danni kollha konsegwenzjali, (ii) li jiġu likwidati d-danni fl-ammont ta' €467.60, (iii) li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas l-imsemmija danni flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet. Ir-rikorrenti sostnew li l-inċident seħħ għaliex l-assigurat tas-soċjetà intimata naqas milli jaġixxi bi prudenza, diliġenza, u b'attenzjoni ta' *bonus paterfamilias,* kif ukoll għax naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku. Ġie spjegat li peress li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBO 121 assigurata ma' Elmo Insurance Limited, kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni *fully comprehensive,* is-soċjetà rikorrenti kienet ħallset l-ammont ta' €342.60 lill-assigurata tagħha, filwaqt li ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha. Ir-rikorrenti Sarah Mallia qalet li min-naħa tagħha hija sofriet danni fl-ammont ta' €125, rappreżentanti ħlas tal-*excess* wara li fetħet il-*claim* tagħha. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li minkejja li bagħtet ittra uffiċjali lis-soċjetà intimata fil-5 ta' Jannar, 2017 b'interpellazzjoni għall-ħlas, il-intimata baqgħet inadempjenti, u li kien għalhekk li kellhom jinbdew dawn il-proċeduri.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata **Untours Insurance Agents Limited nomine** (hawnhekk "is-soċjetà appellata"), eċċepiet li hija ma rċeviet l-ebda informazzjoni li fid-data msemmija fl-avviż kien seħħ xi inċident, u talbet lis-

soċjetà rikorrenti ġġib prova li seħħ l-allegat inċident u li għal dan l-inċident kien responsabbli Anthony Buhagiar.

4. It-Tribunal sema' x-xhieda ta' **Sarah Mallia**, li qalet li fl-4 ta' Lulju, 2016 hija kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni CBO 121, ġewwa Santa Venera fil-parti tat-triq li minn Psaila Street tagħti għal fuq Regional Road, meta baqgħet dieħla fiha l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI 361 misjuqa minn Anthony Buhagiar. Mallia spjegat kif fil-ħin tal-inċident, Anthony Buhagiar kien qalilha li ma kienx hemm għalfejn jinvolvu lis-soċjetajiet tal-assigurazzjoni tagħhom għax il-ħsara sofferta minnha kienet minima, u dan telaq minn fuq il-post tal-inċident mingħajr ma mela l-formula tal-*bumper-to-bumper.* Ir-rikorrenti spjegat kif hija kienet ħallset *excess* fl-ammont ta' €125, filwaqt li l-kumplament tad-danni sofferti minnha tħallsu mis-soċjetà rikorrenti li magħha hija kienet assigurata.

5. Waqt waħda mis-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal, l-avukat difensur tas-soċjetà intimata ppreżenta żewġ dokumenti bħala prova li fil-ġurnata meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Anthony Buhagiar ma kienx assigurat tas-soċjetà intimata. Il-Qorti eżaminat dawn id-dokumenti, li mhumiex iffirmati u lanqas huma akkumpanjati minn dikjarazzjoni ġuramentata dwar l-awtentiċità tagħhom, u li jindikaw li għal għadd ta' xhur fl-2016, il-vettura misjuqa minn Anthony Buhagiar ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-30 ta' Mejju, 2018, it-Tribunal ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż tal-arbitraġġ kontra tagħhom ukoll, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi d-dokumentazzjoni esebita mill-intimati fl-aħħar seduta, u ċioe d-dokumenti mmarkati **SMS 1** u **SMS 2**, jixhdu li dakinhar tal-inċident, is-sewwieq tal-vettura **BBI 361** Anthony Buhagiar ma kienx assikurat mal-intimati;*
>
> *Illi tali evidenza ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti;*
>
> *Illi dan ifisser li l-intimati ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-ħlas tad-danni;*
>
> *Illi r-rikorrenti qatt ma talbu l-kjamata in kawża tas-sewwieq tal-vettura **BBI 361,** Anthony Buhagiar, anzi saħansitra ċaħdu talba simili magħmula mill-intimati;*
>
> *Illi l-Arbitru ma jistax isib responsabbilità għall-akkadut u lanqas responsabbilità għall-ħlas tad-danni f'persuna li ma kinitx parti fl-arbitraġġ;*
>
> ***Deċiżjoni***
>
> *Għas-suesposti konsiderazzjonijiet, l-Arbitru qed jaqta' u jiddeċiedi billi:*
>
> ***Jiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ kontra l-istess rikorrenti."*

## L-Appell

7. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-appell tagħhom fit-18 ta' Ġunju, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"... takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni arbitrali tat-30 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet premessi, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet*

*kollha mressqa mill-appellanti u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata."*

7. L-appellanti jgħidu li huma jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal peress li: (i) fid-dawl tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal dan kellu jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa quddiemu mis-soċjetà appellata, għax dawn l-eċċezzjonijiet ma kinux jirriflettu l-pożizzjoni fattwali li ħadet is-soċjetà appellata. L-appellanti għamlu riferiment għall-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, fejn l-avukat difensur tas-soċjetà intimata kien għamel talba sabiex ikun awtorizzat iżid eċċezzjoni ulterjuri, fis-sens li Anthony Buhagiar kellu jiġi mħarrek personalment, għaliex dan ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni fil-ħin tal-inċident. Din it-talba kienet opposta mill-appellanti li eċċepew li din it-talba kienet tardiva, u li tali eċċezzjoni kellha titqajjem *in limine litis.* Sussegwentement it-Tribunal ċaħad it-talba li saritlu mis-soċjetà intimata u dakinhar stess iddeċieda li jgħaddi għal-lodo tiegħu. L-appellanti qalu li minkejja dan, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal xorta waħda qagħad fuq l-istqarrija tas-soċjetà intimata li Anthony Buhagiar ma kienx assigurat tagħha fil-mument tal-inċident, u dan wara li qies li din l-evidenza ma ġietx ikkontestata mill-appellanti. L-appellanti qalu li t-Tribunal ma kienx korrett meta fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies li huma ma kkontestawx tali prova, stante li fl-istess seduta huma kienu eċċepew li d-dokumenti prodotti mis-soċjetà appellata ma kinux l-aħjar prova, u kkonstataw ukoll li l-appellata naqset milli tagħti eċċezzjoni formali li l-intimata ma kinitx is-soċjetà assiguratriċi fid-data tal-inċident. L-appellanti sostnew li huma min-naħa

tagħhom ma setgħux jopponu għal tali prova b'mod aktar b'saħħtu minn hekk. L-appellanti saħqu li huma ma kellhomx għalfejn jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' Anthony Buhagiar, u dan il-fattur ma kellux għalfejn iħalli impatt fuq id-deċiżjoni tat-Tribunal, kif jidher li ħalla. L-appellanti saħqu li dokument li mhux ikkonfermat bil-ġurament, ma jistax jitqies bħala prova tal-kontenut tiegħu. L-appellanti qalu li ladarba mill-atti proċesswali ma jirriżultax li s-soċjetà appellata ma kinitx is-soċjetà assiguratriċi meta seħħ l-inċident in diżamina, il-pożizzjoni tas-soċjetà appellata ma treġix. Komplew jgħidu li huwa għalhekk li t-talbiet tagħhom qatt ma setgħu jiġu miċħuda, stante li mill-provi proċesswali jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament tort ta' Anthony Buhagiar, u huma min-naħa tagħhom ressqu provi suffiċjenti dwar li kien seħħ inċident, kif ukoll li għal dan l-inċident kien jaħti unikament Anthony Buhagiar, sabiex b'hekk ressqu provi biżżejjed sabiex jirribattu l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà appellata.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà appellata eċċepiet li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-30 ta' Mejju, 2018 hija ġusta u timmerita konferma, stante li l-*lodo* arbitrali u l-motivi u r-raġunamenti li jiffurmaw il-lodo huma ekwi u ġusti u ma kkawżaw l-ebda leżjoni tad-drittijiet tal-appellanti. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti sejsu l-appell tagħhom fuq żewġ aggravji ewlenin, fejn qalu li t-Tribunal kellu jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà

appellata stante li dawn ma jirriżultawx u ma kinux jirriflettu l-pożizzjoni fattwali tas-soċjetà appellata. Intqal ukoll li t-Tribunal ikkonsidra dokumentazzjoni esebita mill-appellata li la kienet l-aħjar prova li setgħet tinġieb fi proċeduri ta' arbitraġġ, u lanqas ma kienet ikkonfermata bil-ġurament. Is-soċjetà appellata sostniet li l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, naqsu milli jagħmlu riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104, u li dan il-fattur jagħti wieħed x'jifhem li l-appellanti ma kinux konxji li s-soċjetà appellata ma kinitx responsabbli għall-ħlas tad-danni peress li l-vettura misjuqa minn Anthony Buhagiar bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI 361 ma kinitx assigurata mas-soċjetà appellata fid-data meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà appellata ċċitat ġurisprudenza fejn ġie stabbilit mill-Qrati tagħna li f'każ ta' danni kkaġunati minn vetturi mhux koperti minn polza tal-assigurazzjoni, ir-responsabbilità għal tali danni taqa' fuq il-persuna li tkun naqset milli tassigura l-vettura, kif ukoll fuq is-sewwieq li jkun ikkaġuna l-ħsara. Żiedet tgħid li minn dan isegwi li s-soċjetà appellata m'għandha qatt tinżamm responsabbli għad-danni kkaġunati fiż-żmien meta l-vettura inkwistjoni ma tkunx assigurata magħha. Is-soċjetà appellata għamlet ukoll riferiment għal dak li hija qiegħda tqis bħala t-tieni aggravju sollevat mill-appellanti, dwar jekk id-dokumentazzjoni esebita mis-soċjetà appellata kinitx l-aqwa prova li setgħet tinġieb, u jekk din setgħetx titqies bħala prova meta ma kinitx ikkonfermata bil-ġurament. Is-soċjetà appellata sostniet li dawn id-dokumenti huma l-unika prova li Anthony Buhagiar ma kienx assigurat mas-soċjetà appellata fid-data tal-inċident inkwistjoni, u minkejja li d-dokumenti esebiti mhumiex

ikkonfermati bil-ġurament, m'hemm l-ebda dubju dwar il-ġenwinità tagħhom, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala l-aħjar prova li setgħet tinġieb fiċ-ċirkostanzi. Is-soċjetà appellata spjegat li hija ma setgħetx tipproduċi l-polza oriġinali, u għalhekk il-kopja esebita minnha hija l-aqwa u l-unika prova li setgħet tinġieb sabiex turi li Anthony Buhagiar ma kienx assigurat magħha dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, fid-dawl tar-risposti mogħtija mis-soċjetà appellata, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal.

*L-aggravju ewlieni:* *L-appellanti jgħidu li t-Tribunal kellu jippronunċja ruħu b'mod differenti għax fid-dawl tal-provi prodotti, kellu jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà appellata għax ma rriżultawx u ma kinux jirriflettu l-pożizzjoni fattwali tas-soċjetà appellata.*

L-appellanti jsostnu t-Tribunal qies li d-dokumentazzjoni esebita mis-soċjetà appellata, li mhix ġuramentata, hija prova ammissibbli li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri Anthony Buhagiar ma kienx assigurat mas-soċjetà appellata, u aktar minn hekk, sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, qies li l-appellanti ma kkontestawx din l-evidenza prodotta mill-appellata.

Il-Qorti tqis illi s-soċjetà appellata ressqet żewġ eċċezzjonijiet għat-talbiet tal-appellanti, u ċjoé (i) li hija qatt ma ġiet infurmata li fid-data msemmija fl-att imressaq mill-appellanti kien seħħ xi incident, u (ii) li l-appellanti għandhom iġibu prova li l-allegat inċident verament seħħ, kif ukoll li għall-imsemmi inċident kien jaħti unikament Anthony Buhagiar. F'waħda mis-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal, is-soċjetà appellata eċċepiet li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Anthony Buhagiar ma kienx assigurat tagħha, u ppreżentat prova dokumentarja li mhix ġuramentata sabiex tipprova dan. Dakinhar li ġie ppreżentat dan id-dokument quddiem it-Tribunal, l-avukat difensur tas-soċjetà appellata informa lill-Qorti li huwa xtaq iżid eċċezzjoni oħra ma' dawk mogħtija minnu u dan sabiex Anthony Buhagiar personalment jiżdied bħala intimat fil-kawża. It-Tribunal ċaħad din it-talba tas-soċjetà appellata, iżda meta ġie biex jagħti l-*lodo* tiegħu, ikkonsidra li mid-dokumenti ppreżentati mis-soċjetà appellata, ma jirriżultax li Anthony Buhagiar kien assigurat mas-soċjetà appellata meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk ċaħad it-talbiet tal-appellanti.

Il-Qorti tqis li prinċipju bażilari fl-aġġudikazzjoni tal-kawżi, huwa li min jallega jrid jipprova. F'dan il-każ l-appellanti ma ġabu l-ebda prova li dakinhar li seħħ l-inċident, Anthony Buhagiar fil-fatt kien assigurat mas-soċjetà appellata. Il-Qorti tqis illi mill-provi m'għandux ikun hemm dubju li verament seħħ l-inċident inkwistjoni, u li l-partijiet involuti fl-inċident kienu Sarah Mallia, l-assigurata tas-soċjetà appellanti, u Anthony Buhagiar, li iżda jirriżulta li ma

kienx assigurat mas-soċjetà intimata dakinhar li seħħ l-inċident. Buhagiar ma kienx parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. Għaldaqstant it-Tribunal ma setax jasal għal deċiżjoni mod ieħor minn dik li wasal għaliha, għaliex id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104 jagħmluha ċara li soċjetà assiguratriċi jkollha jedd għal azzjoni diretta kontra l-assiguratur awtorizzat, f'dawk il-każijiet fejn jirriżulta li l-persuna involuta f'inċident għandha kopertura tal-assigurazzjoni. Fejn persuna mhijiex koperta b'polza tal-assigurazzjoni, huwa dak l-individwu li jikkawża l-ħsara li jrid iwieġeb għaliha personalment. Bil-mod kif inhuma ppostulati t-talbiet fil-kawża odjerna, jirriżulta bl-aktar mod ċar li kien jinkombi fuq l-appellanti li jassiguraw li jindirizzaw it-talbiet tagħhom kontra min kien tassew responsabbli biex jagħmel tajjeb għad-danni kkawżati fl-inċident inkwistjoni. It-Tribunal ma jistax jiġi kkritikat għaliex wara li ċaħad it-talba tal-avukat difensur tal-appellata biex jitħalla jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri, ikkonkluda li t-talbiet tal-appellanti ma setgħux jintlaqgħu fil-mertu peress li s-soċjetà appellata ma kinitx il-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri quddiemu, u ma tistax tiġi ordnata tagħmel tajjeb għad-danni. Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[1], fejn il-Qorti qalet:

> "a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-prova timponi a kariku tal-parti li tallega l-fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actor incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVV/i/5;

[1] App. Inf. Ċiv., 12.04.2007.

b. Fil-kors tal-kawża dan il-piż joxxilla minn parti għal oħra, għax, kif jingħad, jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostnuta – Ara Vol. XXXVII/i/577;

ċ. Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata,* u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tista' tiġ estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkostanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant – lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tikkorrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – ara b'eżempju **Ramchand Kilumal noe *vs* Jessie Blanco –** Appell, 30 ta' Ġunju 1912 (Vol. XXIV/i/104)."

Il-Qorti tqis li filwaqt li kien ikun aħjar li kieku l-unika prova miġjuba mis-soċjetà appellata fil-proċeduri quddiem it-Tribunal kienet maħlufa, fir-realtà kien jinkombi fuq l-appellanti li jippruvaw dak li qegħdin jallegaw, jiġifieri li Anthony Buhagiar verament kien assigurat mas-soċjetà appellata dakinhar li seħħ l-inċident. Minflok prova li Anthony Buhagiar tassew kien assigurat mas-soċjetà appellanta dakinhar li seħħ l-inċident, il-Qorti u t-Tribunal qabilha, quddiemhom kellhom biss dokumenti li juru li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, x'aktarx li Anthony Buhagiar ma kienx kopert

b'polza tal-assigurazzjoni fuq il-vettura li kien qiegħed isuq dakinhar tal-inċident. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja għal dan, it-Tribunal evidentement ma setax skont il-provi li kellu quddiemu, jiddeċiedi li s-soċjetà appellata kienet l-assiguratriċi ta' Buhagiar. Din il-Qorti tqis li dan huwa każ fejn l-appellanti naqsu milli jippruvaw dak li allegaw, jiġifieri li Anthony Buhagiar kien assigurat tas-soċjetà appellata meta seħħ l-inċident, u konsegwenza ta' dan l-appellata ma tistax tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-appellanti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-aggravji tal-appellanti mhumiex ġustifikati u qiegħda tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanti billi tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**